**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. Anna Mallia**

Seduta tat-19 ta' Ottubru 2017

Talba Numru: 341/2017AM3

Numru fuq il-Lista: 7

**GO plc (C22334)**

**Triq Fra Diegu,**

**Marsa**

**MRS 1501**

**vs**

**Ramon Muscat (309381M)**

**Capri, Flat 1,**

**Triq Antonio Sciortino,**

**Msida**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-07 ta' Awwissu, 2017 li permezz tiegħu s-socjeta' attrici talbet minghand l-konvenut is-somma ta' seba' mija u tlieta u erbghin ewro u wiehed u disghin centzmu (€743.91c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kontijiet bin-numri 40454317 u 40455006.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, dan it-Tribunal wara li sema rapprezentant tas-socjeta' attrici jikkonferma li l-ammont ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma seba' mija u tlieta u erbghin ewro u wiehed u disghin centezmu (€743.91c) bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali 1046/16 jew id-data tal-prezentata ta' dan l-avviz, liema wahda tigi l-ewwel, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-attrici ufficjali 1046/16, huma a kariku tal-konvenut .

**Av. Anna Mallia**

**Ġudikatur**